**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta Nru XI**
**Illum, il-Gimgha, 26 ta’ Jannar, 2001**

**App. Krim. Numru: 284/99 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Carmelo Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat illi fit-13 ta' Jannar 1999 tressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Carmelo Azzopardi akkuzat talli fid-29 ta' Ottubru 1998 ghall-habta tat-3.55 p.m. fi Triq San Blas Nadur Ghawdex (1) saq vettura Escort KAT 303 b'manjiera perikoluza; (2) aktar talli saq l-istess vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u habat ma' mutur FBA 826 u kkagunalu hsara ghad-dannu ta' sidu Stephen Bigeni; (3) u fl-ahhar talli kkaguna offiza ta' natura gravi salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' l-istess Stephen Bigeni u dan skond ma ccertifika Dr. C. Galea MD ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Fit-3 ta' Novembru 1999 il-Qorti tal-Magistrati, wara li rat l-imputazzjoni, semghet il-provi u rat l-akkuzi kollha, ikkunsidrat illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq San Blas, sejjer fid-direzzjoni ta' Dahlet Qorrot. Fejn hemm *junction* tat-triq l-imputat kien wara vettura ohra u kien qieghed fil-parti tal-karreggjata tat-triq l-ohra "*over the crown of the road*" meta ta' quddiemu ghadda u sab lil Stephen Bigeni quddiemu. B'hekk l-imputat ried jaghmel manuvra, jigbed ghal-lemin biex jaqbad it-triq ghal Dahlet Qorrot. Il-*main road* f'din il-kaz hija San Blas Street fejn tkompli ghad-direzzjoni ta' St. Blas Bay u dan ghaliex tghaddi minn gewwa r-rahal ghall-kontra tat-triq li taghti ghall-bajja ta' Dahlet Qorrot. Anke l-konfigurazzjoni tat-triq jissuggerixxi dan. B'hekk l-imputat kellu l-obbligu li jipprocedi b'kawtela kbira qabel jaqbad it-triq ghal Dahlet Qorrot - haga li ma ghamilx.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza. Dwar it-tielet akkuza din il-Qorti qieset li si tratta ta' akkuza separata u hija maghmula b'mod li ghandha

tinqara bhala akkuza volontarja meta fl-incident id-danni huma kkawzati b'mod involontarju. Din il-kwistjoni imbaghad tidhol fil-kompetenza tal-Qorti stante li b'hekk l-akkuza hija dik riportata fl-Artikolu 216 liema akkuza tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 (d) tal-Kap. 9 u kkundannat lill-imputat ghal multa ta' mitt lira Maltin.

L-Avukat Generali appella mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-3 ta' Novembru 1999 stante li hassu aggravat billi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi liema "*error juris*" jaghti dritt ta' Appell.

Fl-istess rikors ta' l-Appell inghad li s-sentenza inghatat fl-assenza ta' l-akkuzat u dan jikkostitwixxi aggravju car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti qatt legalment ma setghet taghmel xi procedura fl-assenza ta' l-akkuzat inkluz l-ghoti tas-sentenza. F'dan il-kuntest saret riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Henry Rota" tal-11 ta' Marzu 1993. Illi ghalhekk is-sentenza hija nulla.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali ghar-ragunijiet indikati u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li setghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' l-Appell, filwaqt li interpona appell mis-sentenza fl-ismijiet premessi tat-3 ta' Novembru 1999 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Azzopardi", u talab lil din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka l-istess sentenza u wara li tisma' l-provi mill-gdid inkluz okkorrendo l-ghoti tal-kunsens ta' l-Avukat Generali, ssib htija fuq l-akkuzi kollha u tinfliggi l-pieni skond il-ligi.

Din il-Qorti ta' l-Appell tat sentenza fuq l-appell ta' l-Avukat Generali fis-17 ta' Marzu 2000 fejn wara li rat l-Artikolu 375 (a), peress li l-imputat ma kienx prezenti meta inghatat is-sentenza, iddikjarat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala nulla u wara li rat ukoll is-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 428 ta' l-istess Kap. ordnat li l-kawza tinstema' fuq il-meritu minn din il-Qorti.

Quddiem din il-Qorti ta' l-Appell xehed Stephen Bigeni li qal li dak in-nhar ta' l-incident huwa kien gej mid-direzzjoni opposta ta' l-imputat bil-mutur tieghu meta "*Karmenu harigli minn wara trakk u gie fuq il-linja tieghi u spiccajt tfarrakt go fih*." Huwa xehed li f'dan l-incident "*ksirt il-qasba ta' saqajja, domt hames xhur biha fil-gibs, wara hekk lanqas wehlet u ghamluli zewg operations, il-bone graft u l-pin u issa baqghali operation ohra biex inehhuli l-pin jergghu.*" In kontro-ezami l-istess xhud xehed illi meta ra lill-imputat gej direttament fid-direzzjoni tieghu ma ghafasx il-brejk ghax infixel. Xehed ukoll l-imputat li qal li dak in-nhar ta' l-incident "*kont gej minn Nadur ghal Dahlet Qorrot imbaghad jiena xghelt l-indicator u*

*kien hemm trukk pick up quddiemi. .....Imbaghad jiena x'hin kiser il-kantuniera kont boghod daqs hamsa w erbghin pied boghod mit-trukk u t-trukk kif kiser il-kantuniera jiena ghidt karozza ma tghaddix u jiena kelli l-indicators mixghulin u qsamt u nara lehha Bigeni gej kemm isuq u norbot brake f'nofs it-triq u baqa' diehel go fija u xehitni s-side l-iehor mal-lemin.*"

Gie esebit certifikat tas-sahha mahrug mit-Tabib C. Galea li ccertifika l-griehi li garrab Stephen Bigeni bhala "*of grevious nature*". Gie esebit skizz ta' l-incident.

Mill-provi u dokumenti esebiti gie stabbilit li saret kollizzjoni bejn l-imputat u Stephen Bigeni. Gie stabbilit ukoll minghajr kontestazzjoni illi l-imsemmi Bigeni garrab griehi ta' natura gravi. Kemm l-imputat kif ukoll il-vittma Bigeni xehdu li kienu qed isuqu l-vetturi taghhom fid-direzzjoni opposta ta' xulxin. It-tnejn stqarru li l-imputat kellu quddiemu trukk. Il-kunflitt li hareg mix-xhieda huwa kif fil-fatt sehhet il-kollizzjoni. Bigeni fil-fatt stqarr li l-imputat habta u sabta hareg minn wara t-trukk li kellu quddiemu u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq okkupata minnu. Minn naha l-imputat stqarr li kwazi kwazi bilfors kellu momentarjament jaqsam fuq in-naha tat-triq minn fejn kien gej Bigeni peress li meta t-trukk li kien hemm quddiemu gie biex jilwi, ghamilha impossibbli ghalih sabiex jibqa' fuq in-naha tieghu.

Fid-dawl ta' din ix-xhieda wiehed bilfors ghandu jaghti piz lill-iskizz ta' l-incident li gie pprezentat sabiex wiehed jara liema verzjoni tinkwadra l-aktar vicin ghal dak li hemm fl-istess skizz. Minn dan l-iskizz jirrizulta illi indubbjament l-imputat qasam minn naha tat-triq li fiha kien qieghed suppost isuq ghall-karreggjata l-ohra okkupata minn Bigeni. Jirrizulta wkoll li kien hemm marki tal-brake sostanzjali ta' kwazi sitt metri li jindikaw li l-istess imputat kien qieghed isuq b'velocita' sostanzjali. Jirrizulta wkoll illi l-impatt sehh fuq fil-karreggjata li minnha kien gej Bigeni.
Minn dawn il-fatti l-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzzjonijiet u allura gudizzju fuq l-akkuzi migjuba kontra l-imputat. Fil-fehma taghha rrizulta illi l-imputat kien fil-fatt qed isuq b'mod traskurat, meta qabad u qasam fuq il-karreggjata oposta tat-triq u dan bi ksur manifest tar-regolamenti tat-traffiku. Dan is-sewqan indubbjament kien allura wkoll ta' perikolu manifest ghal sewwieqa li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tinstab htija kontra l-imputt fuq l-ewwel zewg akkuzi migjuba kontra tieghu. Dwar l-akkuza migjuba kontra l-imputat li kkaguna offizi ta' natura gravi fuq Stephen Bigeni l-Qorti hija tal-fehma illi l-istess akkuza tirrizulta mix-xhieda moghtija pero' wkoll mill-ammissjoni ta' l-akkuzat stess (ara l-verbal tas-26 ta' Mejju 2000 u dan apparti mit-trattazzjoni finali tad-difensur tieghu).

Korrettament ghalhekk din il-Qorti ghandha ssib htija kontra l-akkuzat ukoll taht it-tielet akkuza. F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax

taqbel illi l-akkuza fil-komparixxi timplika li l-griehi saru volontarjament mill-imputat filwaqt illi l-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla fl-Artikoli 225 u 226 (1) proprju din l-akkuza ta' offiza involontarja fuq il-persuna.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 226 (1) (a) u 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150).

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur